KUNSILL REĠJONALI LVANT

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 48

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

L-Erbgħa 20 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Melia, sabiex tinfurmawna li ma setatx tattendi għal din il-laqgħa. Hu informa wkoll li s-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, kien informa fill-*Whatsapp Chat* li ma setax jattendi pero, għalkemm ġie infurmat biex jibgħat komunikazzjoni t'apoloġija, din ma kinitx waslet.

48.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 47 li nżammet nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

48.2.2 Il-President irrimarka li dawn il-minuti kienu estensivi u qal kif xtaqt jindirizza *item* partikolari – fejn saret referenza għar-rapport dwar il-konferenza tas-SEDEC - li kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa, irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv peress li l-interpretazzjoni kienet tajba ħafna. Madanakollu hu xtaq iressaq żewġ punti żgħar, li bil-permess tal-membri, xtaq li dawn jitranġaw. Għal din ir-raġuni hu talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex in-noti żgħar li kiteb jkunu kkoreġuti fil-minuti. Hu tenna li ma kien hemm xejn kbir u li r-rapportaġġ kien tajjeb u ġust.

48.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jekk kien ser isir xi korrezzjoni fil-minuti, dawn il-korrezzjonijiet għandhom jiġu spjegati matul il-laqgħa sabiex ikun hemm referenza fuqhom fil-minuti ta' din il-laqgħa, b'mod speċjali minħabba li kien hemm uħud mill-membri mhux preżenti f'din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-President jgħamel referenza għall-punti li xtaq jikkoreġi u tintalab l-approvazzjoni tal-membri preżenti.

48.2.4 ***17:04 – Il-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, wasal għal din il-laqgħa.***

48.2.5 Il-President għamel referenza għal punt 47.3.4 fejn hu qal li kien hemm grupp ta' lukandi li kienu ġew avviċinata – li kienu The Victoria Hotel u The Palace Hotel – peress li fil-minuti The Victoria Hotel ma kienitx issemmiet.

48.2.6 Il-President għamel referenza għal punt 47.3.6 għandha tiġi miżjuda l-kelma 'spiċċat' u s-sentenza għandha tinqara hekk – "Madanakollu hu żied jgħid kif wara l-ewwel laqgħa, kienu tressqu diversi talbiet għat-tieni laqgħa pero din kienet <u>spiċċat</u> saret ftit ġranet qabel il-konferenza."

48.2.7 Il-President għamel referenza għal punt 47.3.17 hu qal li l-kelma "informazzjoni" għandha tkun formazzjoni" u kif l-aħħar sentenza għandha titneħħa l-parti " peress li dan kien ukoll obbligu" tkun <u>"Hu</u> qal kif dan it-tibdil kien sar fil-bidu ta' din is-sena u għal din ir-raġuni s-Sur Fava kellu jkun fl-interess tiegħu li jkun parti minn din il-konferenza."

48.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hi kienet kitbet kelma b'kelma dak li kien intqal pero tħalli f'idejn il-President jekk jixtieq ibiddilha.

48.2.9 Il-President talab li tiġi mibdula skont il-korrezzjoni li kien ta.

48.2.10 Peress li ma kienx hemm aktar kummenti fuq il-minuti ppreżentati, il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

48.2.11 Il-President ressaq fuq il-mejda dokument u spjega li dan kien ir-rapport li hu kien semma fil-laqgħa preċedenti u kif hu kien qed jgħaddieh fil-laqgħa għall-attenzjoni tal-membri preżenti.

48.2.12 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, staqsa jekk dan ir-rapport kienx ser ikun rifless fil-minuti.

48.2.13 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk dan kienx ser ikun anness ma' dawn il-minuti għal din il-laqgħa bħala 'Dokument A'.

48.2.14 Il-membri preżenti approvaw li dan ikun anness mal-minuti li ser ikunu mressqa fil-laqgħa li jmiss.

## 48.3 *Komunikazzjoni mill-President*

48.3.1 Il-President fakkar lill-membri li f'laqgħat preċedenti hu kien semma li kienu qed jinżammu laqgħat mal-kuntrattur kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Sur Chircop għamel referenza wkoll għall-aħħar laqgħa li kienet inżammet mal-kuntrattur fejn għaliha ma kienx preżenti l-avukat tal-kuntattur u kif kemm sa dakinhar u kemm sa llum, dan ir-Reġjun għad m'għandux awtorizazzjoni li dawn il-multi jistgħu jiġu addottati peress li r-Reġjun għadu qed jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Hu qal kif din is-sitwazzjoni ma tinsabx biss f'dan ir-Reġjun imma li hu kien infurmat li hemm xi Reġjuni oħra li jixtiequ japplikaw xi multi u kif qed jistennew l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, bħal dan ir-Reġjun.

48.3.2 Is-Sur Chircop qal ukoll li kien hemm ittra formali miktuba mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed tesiġi li din tingħata risposta peress li s-sitwazzjoni ma tistax tibqa kif inhi.

Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, qal kif f'laqgħa preċedenti l-President kien informa lis-Sindki li r-Reġjun ma setax joħroġ dawn il-multi.

48.3.3 Is-Sur Chircop qal kif l-avukat li qed jirrappreżenta lir-Reġjun fuq dan il-każ kien u għadu jsostni li r-Reġjun m'għandhux għalfejn ikollu l-permess tagħhom. Hu qal ukoll kif l-avukat kien anke qallhom bi proċedura kif dawn il-multi jistgħu jitneħħew u anke jerġgħu jinharġu kif suppost biex b'hekk ir-Reġjun ikun qed jimxi ma' kif inhu mitlub.

48.3.4 Is-Sindku ta' Pembroke, is-Sur Kaylon Zammit, qal li f'laqgħa preċedenti r-Reġjun kien stabilixxa li peress li r-Reġjun ma kienx firmatorju tal-kuntratt, ghal din ir-raġuni ma setax japplika għal dawn il-multi.

48.3.5 Il-President qal kif l-avukat irid biex jaċċerta li r-Reġjun ikun korrett u ma jkollu l-ebda dubju, qed jitlob li jkun hemm l-approvazzjoni għal din it-talba.

48.3.6 Is-Sur Chircop qal kif apparti dan kollu, hu informa kif wara l-aħħar laqgħa li nżammet, hu kien irċieva telefonata mingħand il-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart, is-Sur Galea, u qal kif huma ma setgħux jibqgħu għaddejin b'din is-sitwazzjoni u talab li jsir xi ħaġa. Is-Sur Chircop qal kif lilu ma kienx hemm bżonn ikelmu peress li kien hemm diversi laqgħat u n-nuqqasijiet kienu minn naħa tagħhom. Hu fakkar lill-membri li fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, il-membri kienu stabilixxew tliet punti li kellhom jiġu ndirizzata, fosthom il-*workplan*, u ma kien ġara xejn fuqha.

48.3.7 Hu kompla jispjega kif f'din it-telefonata li kellu, il-kuntrattur talab li jiltaqa miegħu u jekk jixtieq iġib xi ħadd ieħor preżenti, bl-intenzjoni li s-sitwazzjoni li hemm fil-preżenti tiġi solvuta. Hu qal kif is-Sur Chircop qallu li ma kellu l-ebda diffikulta li jiltaqa miegħu u qallu kif għandu persuna f'moħħu li tistà tkun preżenti. Bħalma kulħadd idur fuq l-assoċjazzjoni tiegħu, hu infurmah li ser ikun qed jitlob direzzjoni mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Chircop infurmah li ser ikun qed jara jekk is-Sur Fava kienx lest li jkun preżenti għal din il-laqgħa pero ma jfissirx li l-affarijiet ser ikunu solvuta.

48.3.8 Is-Sur Chircop spjega kif wara li kienet inżammet telefonata hu kellu xi safar u kif irritorna lura Malta, għamel kuntatt mas-Sur Fava. Hu spjega kif is-Sur Fava infurmah li hu kien lest li jattendi imma staqsa eżattament il-Kuntrattur x'ried. Is-Sur Chircop qallu li hu ma kienx jaf eżattament x'jixtiequ pero jekk is-Sur Fava kien lest li jiltaqa, hu kien lest ukoll li tiġi stabilita laqgħa.

48.3.9 Is-Sur Chircop kompla jgħid li ġiet stabilitta data, inżammet il-laqgħa, pero xorta waħda ma kienx hemm konklużjoni. Hu spjega wkoll kif waqt il-laqgħa l-Kuntrattur qal li dan kien ġej kollu mill-President. Għal dan is-Sur Chircop sostna li hu qiegħed fil-pożizzjoni u hu kien qed jimxi korrettament. Hu spjega kif il-kuntrattur qal kif jinsabu f'sitwazzjoni nkwetanti u kif in-nuqqasijiet tagħhom mhumiex daqshekk kbar u jkunu ferm akbar jekk jiġi abbandunat il-kuntratt kollu. Hu qallu kif din kollha kienet deċiżjoni tagħkom. Hu qal ukoll kif waqt din il-laqgħa l-Kuntrattur għamel referenza għal każ f'Birkirkara. Il-president spjeglahom kif Birkirkara kellha anke rapporti mingħand l-ERA peress li qed jinħarġu kontravenzjonijiet lir-residenti u qedin jinfurmaw lill-uffiċċjali li huma qed joħorġu l-boroż taż-żibel fil-ħin imma l-kuntrattur qed jgħaddi jiġborhom ferm iżjed kmieni. Hu spjega kif għażel lokalità ta' Birkirkara u mhux oħra biex jispjega lill-kuntrattur li dawn il-*claims* kien qed isiru minn aġenzija stress tal-Gvern. Hu żied jgħid kif f'din id-diskussjoni semma wkoll is-sitwazzjoni tal-kameras.

48.3.10 Is-Sur Chircop spjega kif wara ħafna diskors li sar diversi drabi, is-Sur Fava issuġġerixxa li tiġi msejħa laqgħa fejn tkun preżenti s-Sindku ta' Birkirkara u Sadanittant il-Managier tal-iskart jilħaq jipprovdi l-informazzjoni neċessarja u tiġi vverifikata kollox f'laqgħa oħra. Hu qal ukoll li, skond kif jiġi rrappurtat mill-Manager tal-iskart, is-Sur Zammit, il-kameras ikunu miftijin mod kontinwu. Hu spjega kif għal din ir-raġuni, ġiet mitluba din il-laqgħa. Is-Sur Chircop qal kif hu ma ħasx li kien għamel xi ħaġa ħażina.

48.3.11 Il-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke, staqsa jekk il-laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kienitx saret u eżattament għalfejn kienet ġiet magħżula Birkirkara.

48.3.12 Il-President ikkonferma li l-laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ma kienitx għadha nżammet peress li fid-data proposta mis-Sur Fava, is-Sur Zammit informa li kien ser ikun imsiefer. Hu qal ukoll kif kienet inżammet Birkirkara bħala lokalità peress li l-problemi relatati ma' l-iskart kienet issemmiet diversi drabi u kien hemm evidenza ċara mill-ERA dwar dak kollu li kien qed jintqal.

48.3.13 Is-Sur Chircop qal ukoll kif waqt it-telefonata li kellu mal-kuntrattur u anke fil-bidu tal-laqgħa dejjem informa li dawn il-laqgħat kienu qed jinżammu bla ebda preġudizzju u jekk f'dawn il-laqgħat iwasslu għal xi konklużjoni, dawn għandhom jiġu vverifikati ma' l-avukat tagħna.

48.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hi ma kienitx preżenti f'din il-laqgħa u ma kinitx infurmata li nżammet din il-laqgħa.

48.3.15 Il-President ikkonferma dan u qal ukoll kif it-telefonata kienet saret miegħu u hu kien biss kien preżenti għal din il-laqgħa msemmija.

48.3.16 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, qal li l-President kellu kull dritt iżomm laqgħat.

48.3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan il-każ ta' Birkirkara hi saret taf b'ċerta informazzjoni meta s-Sur Zammit informaha li s-Sur Fava kien qed jitlob li tinżamm laqgħa ma Birkirkara kif ukoll sabiex jipprovdi l-evidenza u informazzjoni meħtieġa. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif hi ħasset li din għandha tkun ċara ma kulħadd.

48.3.18 Il-President ikkonferma dan u qal kif meta s-Segretarju Eżekuttiv qajmet dan id-dubju, hu kien spjegalha x'kien qed isir u x'kien ser isir u li dejjem suġġett għal konsultazzjoni mal-avukat. Hu qal ukoll kif essaċ ma kien għadu nżamm xejn peress li lanqas din il-laqgħa mal-Kunsill ta' Birkirkara ma kienet għadha nżammet. Hu żied jgħid kif hu ħas li ladarba l-persuna li kien hemm u li kien qed jipprova jgħin fuq stedina tiegħu wara li hu kellu din it-talba mingħand il-kuntrattur, hu ħass li d-deċiżjonijiet irridu jittieħdu fil-laqgħat tar-Reġjun u għal din ir-raġuni hu kien qed jitlob lill-membri preżenti jekk għandhomx jitwaqfu u jiġu abbandunati dawn il-laqgħat jew jgħatux ċans lill-President sabiex

48.3.19 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, irrimarka li tmur jew ma tmurx bl-avukati, dawn xorta waħda ser jibqgħu jinsistu fuq li qed jgħidu u tajjeb li wieħed jiftakar li r-residenti mhux dejjem ikunu qed jgħidu l-verità. Hu qal li r-Reġjun kien stabilixxa l-ħinijiet tal-ġbir taż-żibel u hu kien għamel żball u kien aċċetta. Għal din ir-raġuni hu qal li issa ma nistgħux nibqgħu ngħatu t-tort lill-kuntrattur

48.3.20 Il-President staqsa jekk hu jistax jibqa għaddej b'dawn il-laqgħat bil-kunsens tas-Sindki.

48.3.21 Is-Sur Dalli staqsa jekk jistax minflok jinżammu dawn il-laqgħat, jistax ikun hemm laqgħa waħda fejn fiha jkun hemm rappreżentant minn kull Kunsill flimkien mal-kuntrattur u jiġu diskussa l-problemi li kull lokalità għandha.

48.3.22 Il-President reġa fakkar li t-talba kienet saret mingħand il-kuntrattur u spjega kif il-laqgħa kienet speċifikament mitlub li tkun miegħu biss imma ma xtaqux iġibuh f'pożizzjoni ħażina u offra li jekk ikun hemm xi ħadd ieħor mal-President, seta jkun hemm koversazzjoni aktar fil-miftuħ. Hu kompla qal kif ir-Reġjun xorta waħda għandu l-laqgħat stabbiliti mal-avukat.

48.3.23 Is-Sur Dalli spjega kif meta riċentament kienet inqalgħet problema ġewwa San Ġiljan, il-Kunsill kien avviċina lir-Reġjun u l-każ kien ġie solvut. Hu qal kif jekk Kunsill ikollu problema, individwalment għandhom jitkelmu u jaraw kif tistà tiġi solvuta l-problema.

48.3.24 Il-President fakkar li fil-każ ta' Birkirkara, ma kienx il-lokalità li kien talab din il-laqgħa imma ittieħdet bħala eżempju peress li l-Maniġer tal-Waste kienu qed jidħlu diversi ilmenti fuq l-istess ħaġa kontinwament fejn il-ħin tal-ġbir qed jibda kmieni wisq.

48.3.25 Is-Sur Dalli qal kif sinjal li l-Kunsill rispettiv ma kellux inkwiet dwarha la mhux qed tiġi ndirizzata mill-Kunsill. Is-Sur Dalli għamel referenza wkoll għall-komunikazzjoni li kien bagħat il-Waste Manager lill-Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun dwar il-*workplan* u qal kif ma kienitx tagħmel sens jekk permezz ta' din it-talba kull Kunsill kien jaqbad u jbiddel il-ħinijiet drastikament.

48.3.26 Il-President spjega kif fuq talba tal-avukat, is-Sur Zammit kien mitlub iġib konferma minn kull Kunsill Lokali biex jara l-ħin tal-ġbir kien tajjeb. Hu qal kif din kienet qed tippermetti biex ikun hemm tibdil żgħir fil-ħin tal-ġbir fejn wieħed ikun jistà jċaqlaq il-ħin bi ftit minuti.

48.3.28 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, qal kif hu kien kellem lis-Sur Zammit u nfurmah mill-ewwel li l-Kunsill tiegħu ma kien ser ibiddel l-ebda ħin minn dak li kien hemm fil-preżent.

48.3.29 Il-President kompla jgħid kif din it-talba ma kienitx qed tikkonsidra talbiet drastiċi fejn fil-preżent il-kollezzjoni qed issir filgħaxija u l-Kunsill jiddeċiedi li tibda ssir filgħodu. Hu qal kif każ bħal dan għandha tiġi mressqa t-talba meħuda mill-Kunsill u tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun. Hu żied jgħid kif il-każ ta' Birkirkara, il-Kuntrattur huwa obbligat li ż-żibel jibda jinġabar fit-8 ta' filgħodu imma minflok il-Kuntrattur qed jibda l-ġabra fis-6:30 ta' filgħodu.

48.3.30 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, qal kif fil-lokalità tiegħu ma tantx ikollu problemi u kif darba kellu żewġ ilmenti fejn il-borża ma kienitx inġabret. Madanakollu kienu ivverifikaw mill-kameras tar-residenti stess u kien hemm konferma kif borża ta' resident minnhom kien ħareġ il-borża fil-ħin u ma kienitx inġabret u kif resident l-ieħor kien ħareġ il-borża wara l-ħin. Hu spjega kif xi kultant, tkun aktar faċli biex tiġi solvuta b'dan il-mod.

48.3.31 Il-President kompla jispjega li l-avukati ser ikunu qed ikomplu jsostnu l-pożizzjoni tar-Reġjun. Minn naħa tal-Kuntrattur jibqa jgħid li għalkemm kull vettura m'għandhiex kamera jew mhux kull kamera taħdem kif suppost, bħala s-servizz xorta waħda baqa jingħata.

48.3.32 Is-Sur Chircop żied jgħid li l-każ ta' Birkirkara kien imsemmi peress li kien l-iktar wieħed ċar u sostnut mill-kummenti li r-Reġjun ingħata mill-ERA stess. Hu qal ukoll li dawn l-problemi huma bbażati fuq l-informazzjoni li jgħati s-Sur Zammit.

48.3.33 Is-Sur Chircop reġa staqsa lill-membri preżenti jekk hu għandux jattendi għal din il-laqgħa. Hu qal ukoll li kull mhu ser ikun qed jingħad fil-laqgħa ser ikun qed jirrappurtah lura lill-membri tar-Reġjun.

48.3.34 Is-Sur Luke staqsa jekk fdin il-laqgħa li ser tkun qed tinżamm dwar is-sitwazzjoni ta' Birkirkara kienx ser ikun hemm il-presenza tas-Sindku tal-Kunsill ta' Birkirkara.

48.3.35 Il-President ikkonfera li l-laqgħa ser tkun qed tinżamm bil-presenza tas-Sindku u f'każ li hi ma tkunx tistà tattendi, tistà wkoll tibgħat rappreżentant f'isem il-Kunsill.

48.3.36 Il-President reġa staqsa jekk jistax ikompli iżomm dawn il-laqgħa mingħajr ma jkun qed ixekkel il-laqgħat li qed isiru mal-avukat. Hu ser ikun qed jaġġorna lill-avukat b'dak kollu li jkun qed jingħad fil-laqgħat li jkunu qed jinżammu u sostna li dak li jintqal f'dawn il-laqgħat ser jingħad mingħajr preġudizzju.

48.3.37 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif f'ċirkustanzi bħal dawn dejjem għandu jkun hemm xi tip ta' medjazzjoni pero hu qal kif hu kien qed jitlob din l-approvazzjoni mill-membri biex hu jkollu l-kunsens qabel ma jkompli jipproċedi.

48.3.38 Is-Sur Chircop talab lis-Segretarju Eżekuttiv tfakkar lill-membri meta d-data għal meta kienet skedata l-laqgħa li jmiss mal-kuntrattur flimkien ma' l-avukati u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni Għal Gvern Lokali.

48.3.39 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-laqgħa li jmiss kienet skedata għal nhar it-Tnejn 1 ta' Settembru 2025.

48.3.40 Is-Sur Chircop qal kif jekk il-laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara tinżamm qabel din il-laqgħa skedata ma' l-avukati, hu ser jgħati aġġornament lill-avukati b'dak li jkun intqal. Hu qal ukoll ġaladarba jkun hemm xi żvilupp dwar dan, hu ser ikun qed jgħati aġġornament dwar dan kollu fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

48.3.41 Is-Sur Chircop reġa tenna li ċ-ċaqlieq fil-*workplan* irid ikunu minimu ħafna u fakkar ukoll sabiex hu jiġi nfurmat kull darba li Kunsill Lokali jkun jixtieq li tinżamm laqgħa mal-Kuntrattur.

## 48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

48.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 48.5 Rapporti

48.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa ma kienx hemm rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 48.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

48.6.1 B'referenza għas-sejħa għall-pożizzjoni ta' EU/Local Funds Manager, il-President informa kif din is-sejħa kienet reġgħet ġiet ippublikata nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu 2025 u ser tkun qed tagħlaq nhar il-Ġimgħa li gej.

48.6.2 Is-Sur Chircop informa kif ir-Reġjun kien diġa rċieva applikazzjonijiet u ser ikun qed ilaqqa l-bord sabiex isiru l-intervisti.

48.6.3 Aġġornament dwar dan tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 48.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Fondi STEM*

48.7.1 Il-President fakkar lill-membri kif l-applikazzjoni li dan ir-Reġjun kien issottometta bl-isem 'Cosmic Connections: Bridging Communities Through Astronomy,' – li qed isir f'kollaborazzjoni ma' The Astronimical Society of Malta kien ġie approvat meta hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Maniġer tal-Kultura u l-Maniġer ta' l-Ambjent attendew preżentazzjoni li nżammet nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025.

48.7.2 Is-Sur Chircop qal ukoll kif dan il-proġett huwa wieħed minn disà proġetti li ġew mgħotija dawn il-fondi mill-fond STEM (Esplora). Aktar informazzjoni dwar dan il-proġett ser ikun qed tingħata aktar 'il quddiem.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

48.7.3 Il-President informa li nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025 dan ir-Reġjun irċieva l-allokazzjoni finanzjarja ta' €828,620.88 għat-tielet kwart tas-sena 2025 li tikkonsisti f'€166,666.67 l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 flimkien ma' €661,954.21 marbuta mal-ġbir ta' l-iskart għall-2025.

48.7.4 Il-President staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk din l-allokazzjoni kienitx tinkludi wkoll id-differenza fil-ħlas li kien ġibed l-attenzjoni dwarha f'laqgħa li kienet saret mad-Direttur Ġenerali għad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

48.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li dan kien l-ammont intitlot lir-Reġjun u ma kienx jinkludi t-talbi li kienet ġiet imressqa għall-ħlas addizzjonali.

48.7.6 Il-President talab sabiex tintbagħat komunikazzjoni b'tfakkira ġentili lid-Direttur Ġenerali dwar dan.

- *Cir AKL/Regjuni 003/2025 – Sejħa għal Nominazzjonijiet: Parteċipazzjoni fil-Kaleiçi Old Town Festival 2025 (Antalya, 9–12 Ottubru)*

48.7.7 B'referenz għal din iċ-ċirkulari, l-president informa kif din waslet għand ir-Reġjun nhar l-Erbgħa 6 t'Awwissu 2025 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand l-AKL — fejn ġejna infurmata li l-AKL ser tkun qed tikkordina d-delegazzjoni Maltija. Dan għandu jkun kompost minn żewġ Uffiċjali Reġjonali tal-Kultura flimkien ma' Funds Manager. Hu spjega kif is-sottomissjoni għandha tiġi mressqa sa nhar it-Tnejn 25 t'Awwissu. Għal din ir-raġuni l-manager tal-Kultura, lis-Sur James Hamberger, ipprepara ittra ta' motivazzjoni li ser tkun qed tintbagħat f'isem dan ir-Reġjun. L-assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas it-titjira. Il-persentaġġ ta' Per Diem ser jitħallas mir-Reġjun.

48.7.8 Il-President qal kif hu jħoss li is-Sur Hamberger għandu jkun magħżul u jixraqlu li jkun magħżul.

48.7.9 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri kollha preżenti.

- *Cir AKL/Regjuni 006/2025_Tnedija tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni ELoGE għall-Kunsilli Lokal*

48.7.10 B'referenza għal din iċ-ċirkulati, il-President informa kif nhar it-Tnejn 18 t'Awwissu 2025 dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand l-AKL fejn id-data ta' l-għeluq hija għal nhar il-Ġimgħa 29 t'Awwissu 2025. EloGE – European Label of Governance Excellence. Hu spjega kif il-ħsieb hu li kull Reġjun ikollu rwol attiv u kruċjali sabiex il-Kunsilli fi ħdanu japplikaw għall-akkreditazzjoni.

- *Cir AKL/Regjuni 002/2025 - Kollaborazzjoni mal-CIWM: Opportunità ta' Skambju u Taħriġ fil-Qasam tal-Immaniġjar tal-Iskart*

48.7.11 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President informa kif nhar it-Tlieta 5 t'Awwissu 2025 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand l-AKL fejn infurmaw kif l-Assoċjazzjoni qed tesplora l-possibilità li toffri opportunità lir-Reġjuni sabiex jinkludu l-Uffiċjali Maniġerjali responsabbli mill-iskart bħala membri fil-CIWM (The Chartered Institute of Wastes Management).

48.7.12 Hu nforma kif il-miżati – Individual Affiliate Membership - £141 fis-sena; Associate/Technical Membership - £171; Chartered Membership - £227 – id-differenza bejn l-Associate/Technical Membershiip u Chartered tithallas mir-Reġjun.

48.7.13 Il-President qal kif id-data ta' l-għeluq kienet nhar it-Tlieta 19 t'Awwissu 225 u dan ir-Reġjun informa lill-Assoċċjazzoni bl-interess tiegħu. Hu irrakomanda li din għandha ssir għall-Maniger responsabbli mill-Immaniġġjar ta' l-iskart, is-Sur Ryan Zammit, u qal kif jekk ikun ġab dan il-kreditu ser iġorru miegħu.

48.7.14 Kien hemm qbil sabiex ikun hemm kjarifika ma' l-AKL sabiex naraw liema waħda tkun l-aħjar li jgħażel bħala miżata.

- *Il-Proġett 'lVANt'*

48.7.15 Il-President informa kif dan il-proġett li kien konkluż nhar il-Ħamis 14 t'Awwissu 2025 ġewwa l-Belt quddiem il-funtana tat-Triton. Grazzi lil dawk minkom li kienu preżenti għall-aevvenimenti li nżammu fil-lokalitajiet tagħkom kif ukoll li taw l-għajnuna meħtieġa fejn kien hemm bżonn il-permessi. Ir-Reġjun irċieva ħafna kummenti pożittivi u ser inkunu qed naħdmu minn issa biex nerġgħu niksbu *sponsors* sabiex dan il-proġett jerġa jittella s-sajf li ġej.

- *Sustainable Development Multi-Stakeholder Forum*

48.7.16 Il-President informa kif dan ir-Reġjun ġie mistieden minn Sustainable Development Malta għat-tieni edizzjoni tas-Sustainable Development Multi-Stakeholder Forum. Il-Forum se jsir nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru 2025 (08:45–15:00) fl-MCC. Panel wieħed se jiffoka fuq ir-rwol tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-avvanz tal-SDGs (Sustainable Development Goals) u l-għanijiet nazzjonali ta' Malta. SD Malta qed titlob lir-Reġjun tagħna biex jinnomina kelliem għal dan il-panel sal-25/08/2025.

48.7.17 Is-Sur Chircop informa kif kemm il-Maniġer Ambjentali kif ukoll il-Koordinatur tal-Maniġer tal-Iskart mhux se jkunu disponibbli. Għal din ir-raġuni hu staqsa jekk kienx hemm xi membru li jistà jirrakomanda lil xi ħadd biex jirrappreżenta lil dan ir-Reġjun. Hu irrakomanda lill-Perit Edgar Rossignaud li iffoka ħafna fuq l-ambjent.

48.7.18 Kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun jitlob direzzjoni mingħand il-Kunsill Lokali tas-Swieqi sabiex jgħamel kuntatt mal-Perit.

- *Żjara minn Nepal*

48.7.19 Il-President fakkar fi-żjara tan-Nepal u kif id-delegati ser ikunu qed jiġu milqugħin ġewwa l-Kunsill Lokali tas-Swieqi.

48.7.20 Il-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, staqsiet jekk ir-Reġjun kellux *token* żgħir xi jkun jistà joffri meta dawn ikunu preżenti.

48.7.21 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif ir-Reġjun għandu *paper weights* tal-ħġieġ personalizzati bl-emblema tar-Reġjun.

48.7.22 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tingħata għotja waħda u sabiex tintbagħat stedina mir-Reġjun lill-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun sabiex jattendu għal din il-laqgħa.

- *Talba – Study Leave*

48.7.23 Il-President informa kif is-Segretarju Eżekuttiv irċiviet talba mingħand l-Accounts Officer, is-Sa Marthese Grech, sabiex tingħata 6 ijiem study leave kull sena sakemm qed tagħmel kors – Masters Degree in Management (MQF Level 7). Hu spjega kif il-kors hu twil 12-15 -il xahar u 6 xhur oħra ghat-teżi.

48.7.24 Is-Sur Chircop informa kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet direzzjoni dwar dan mill-HR tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali u għal din ir-raġuni hi qrat il-komunikazzjoni lill-membri preżenti.

48.7.25 Il-Membri preżenti qablu li kull kors li jsir dejjem huwa għal benefiċċju tal-persuna li tkun qed tagħmlu u bħala Reġjun dejjem inkuraġġixxiet li l-impjegati jattendu korsijiet. Għal din ir-raġuni, il-membri preżenti approvaw li s-Sur Grech għandha tingħata dawn il-ġranet ta' study leave.

- *Kwotazzjonijiet*

48.7.26 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni sabiex jinxtara *sports equipment* għall-iSports Day 2025.

48.7.27 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn MG Concepts għal prezz ta' €475.08

48.7.28 *18:03pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

- *Direttorju għal Servizzi*

48.7.29 Il-President qal kif bħala Reġjun kien għamel eżerċizzju fejn kien sar direttorju bl-artisti u ressaq talba sabiex ir-Reġjun jgħamel direttorju ta' servizzi li matul iż-żmien jistà jkollu r-Reġjun u biex dan ikun aġġornat. Hu spjega kif hu ġieli jkun avviċinat mingħand fornituri differenti sabiex jgħati d-dettalji tiegħu u jiġi kkunsidrat sabiex iressaq kwotazzjoni meta r-Reġjun ikollu bżonn dak is-servizz. Hu żied jgħid ukoll kif permezz t'hekk, bħala Reġjun, ma jkunx qed juża dejjem l-istess fornitur.

48.7.30 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kemm-il darba pruvat issib persuni jew kumpanija ġodda sabiex kemm jistà jkun ma jkunx dejjem l-istess fornitur imma kif din mhux dejjem tkun possibli. Hi għamlet referenza għal servizz ta' fotografu li huwa servizz li jintuża spiss minħabba l-avvenimenti li jkollu r-Reġjun u kemm jistà jkun jippruvaw li t-talba għall-kwotazzjonijiet tkun minn persuni jew kumpaniji differenti.

48.7.31 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll kif waqt it-turnament taċ-ċess li kien inżamm ftit tal-ġimgħat qabel din il-laqgħa, kien hemm fotografu li min jgħedda ġiet u ħadet ir-ritratti ta' dan l-avveniment u bagħtet kopja tagħhom lir-Reġjun. Hi spjegat kif mill-uffiċċju amministrattiv kienet ġiet mitluba tipprovdi dettalji sabiex meta jkun hemm okkażjoni oħra, l-uffiċċju jkun jistà jitlob kwotazzjoni. Madanakollu hi spjegat li kienet bla numru tal-VAT u kif ser tkun qed tara kif tirreġistra biex tibda tipprovdi dan is-servizz.

48.7.32 Il-President issuġġerixxa sabiex il-lista li r-Reġjun għandu fil-preżent tiġi aġġornata.

48.7.33 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif hi ma kellix lista per se u kif kull meta xi ħadd jirrakomanda lil xi ħadd, hi dejjem ħadet nota u talbet kwotazzjoni. Madanakollu hi ssuġġeriet li tiġi krejata *google form* li tkun tistà tiġi mgħotija lis-SIndki u f'każ li jiltaqgħu ma xi ħadd li jistà joffri xi servizz, ikun jistà jimla din il-formola.

48.7.34 Il-membri preżenti approvaw dan is-suġġeriment.

48.7.35 Uħud mill-membri preżenti kellhom diskussjoni qasira dwar servizz mgħotija mir-Reġjun.

48.7.36 Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li kieku din il-laqgħa kienet għaddejja bil-*live streaming* waqt din id-diskussjoni ma kellhomx jisemmew ismijiet.

48.7.37 Il-President staqsa jekk ir-Reġjun hux obbligati li jkollhom *live streaming* ta' dawn il-laqgħat.

48.7.38 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li bil-liġi r-Reġjun huwa obbligat pero kienet inħarġet direzzjoni mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali li kellu jkun hemm proġett pilota dwar dan. Madanakollu hi kienet ser terġa titlob direzzjoni bil-miktub dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll li dan l-appart irid jinġarr kull darba li tinżamm laqgħa peress li l-laqgħat dejjem qed isiru fis-sala mikrija mill-Urban Valley Resot and Spa, San Gwann u mhux fissi mill-uffiċċju tar-Reġjun minħabba nuqqas ta' spazzju.

## 48.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

48.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

48.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif bi żvista fil-Minuti Numru 46 li kienet inżammet nhar il-Ħamis 19 ta' Lulju 2025 kellhom jiġu inkluża l-iskeda ta' ħlasijiet numru 43A U 43B. Kienu ġew approvati

pero ma kienux miktuba fil-minuti msemmija. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi nkluża din in-nota.

44.8.3 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

48.8.4 IL-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartola, sekondata mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 45A u 45B.

48.8.5 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 48.9 Mozzjonijiet

48.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

48.9.2 Il-Viċi President tar-Reġjun u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, talab sabiex jgħaddi nota dwar il-minuti li kienu ġew imressqa għall-approvazzjoni fil-bidu ta' din il-laqgħa.

48.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dawn il-minuti kienu diġa approvati.

48.9.4 Is-Sur Zammit għamel referenza għal punt 47.3.16 – 'Hu qal kif din tkelmuha bejniethom ċerta Sindki meta ndunaw b'ċertu affarijiet u ndunaw li kellu jerfa ċerta responsabbiltà.' U kif minflok għandha tinqara – 'Hu qal kif tkelmuha bejniethom ċerta Sindki meta ndunaw li refà ħafna mill-piż kollu fuqu.'

48.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dak li kien hemm miktub kien dak li kien intqal eżatt fil-laqgħa preċedenti. Hi talbet lill-President u lill-membri preżenti jgħatu l-approvazzjoni għal din l-emenda li kienet qed tiġi mressqa.

48.9.6 Il-President irringrazzjaw lis-Sur Zammit ta' dan u approva din l-emenda.

48.9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-membri preżenti dwar din l-emenda.

48.9.8 Il-membri preżenti approvaw din l-emenda wkoll.

## 48.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:24 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' Settembru, 2025.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

Dokument A.

## Sequence of establishing dates of event

**June 2024** Launch of expression of interest SEDEC External Event closing date 21/10/2024

**End November 2024** – SEDEC meeting decided in favour of Reggun Lvant against Bulgaria Sofia City Region

Theme for the conference was by Prof. Montebello and ICT Faculty @ University of Malta

**Mid-June 2025** was indicated but no exact dates set.

Search for Venue and accommodation was set in motion, and the indication was that task was not easy.

**16 January 2025** – notice was forwarded asking that 12th & 13th June be considered instead of the previously advised 17th & 18th June.

(Obviously the required constant contact with hotels and more so with Professors at University of Malta

**17 January 2025**- Dates agreed for 17th & 18th June to be modified on 03/05 to 16th &17th June by them from the hotels interested i.e.

Meriott Balutta

The AX Palace & Victoria Hoel

Only the latter 2 hotels confirmed an interest limiting option on their hotel room till 21-04.

**09 April 2025** SEDEC Secretariat insisted that we provide them with no less than: -

50 rooms €150 with Breakfast included and €135 without breakfast.

This option was to remain valid till the 07th May date set for SEDEC Commission meeting participants confirmation.

**EVENT DELEGATES**

**AIRPORT MEET & GREET**

Quotations were sought from four sources

Alpine / Sterling

AVB – "Brockdroff"/ Sliema

E-Cabs

Zarb Coaches

In view of the many different arrival timings, experience always showed that it is best to organize a shuttle-based transfer to group guests as much as possible into a coach/minivan, rather than provide a taxi transfer for each arrival.

Further when taking into account that the arrival date happened to fall on a Sunday and the same day being "Father's Day". I recommended the Company, i.e. Alpine take charge as these have a rep detailed at the Airport on a permanent basis, and not just a driver! also of note was the fact that the same Agency assisted us to come up with sourcing the required rooms (50 rooms) when faced with insistence by SEDEC of having to provide accommodation capped @ €150 max till a few days prior commencement of event.

**Sponsorship & Support. Logistic & Otherwise**

First approach was with Parliamentary Secretary Hon. Kieth Azzopardi Tanti

- Very receptive and invited us to draw a cost schedule of events despite many chores, proposed meeting granteed late in the day.
- Followed by meeting with Minister Cliffton Grima who advised that once assistance was promised by the Hon. Azzopardi Tanti, so his ministry according to him was already assisting.
- CEO's Office at MTA was approached to assist with guides & transport for the Monday 16th June afternoon cultural visit, which was straight away accepted as was our original request for €2000 financial assistance towards hosting of official dinner -which amount was later increased to €5000.

**Request for meeting with Hon. Owen Bonnici.**

At meeting with the head of Secretariat Ms. Angele Abela, we were offered a very interesting venue in Floriana, however later proving unavailable on dates requested.

However, were provided with complimentary tickets (100 in number) to St John's Co Cathedral & Museum and offers for discounted tickets for the Malta Heritage @ 50, which for budget reasons where declined.

Meetings were also held with Parliamentary Secretary Hon. Rebecca Buttigieg as well as with Hon. Alison Zerafa Civelli.

€5000 sponsorship was confirmed by AKL and a €2500 one was secured from LESA.